**14 ta' Marzu, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**

Vincent Palmier *noe*

*versus*

L-Avukat Dottor Philip Sciberras *noe*

***Yacht* – Privileġġ – Kreditu**

*Il-Qorti laqgħet it-talba attriċi li kien hemm privileġġ speċjali fuq il-Yacht għall-fornitura ta' merkanzija u serviġi. Analiżi u rassenja ferm interessanti tal-prinċipji legali in kwistjoni.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, fil-kwalità tiegħu hawn fuq imsemmija, wara li ppremetta illi huwa kien forna merkanzija u ppresta serviġi lil *yacht "El Barracuda"* bil-prezz totali ta' mija u tliet liri Maltin u tmintax-il ċenteżmu (*Lm103.18*) u illi dan il-kreditu huwa privileġġjat *ai termini* tal-liġi; talab illi prevja dikjarazzjoni li l-kreditu ta' l-istanti huwa privileġjat skond il-liġi, u għalhekk l-istanti *nomine* għandu privileġġ fuq l-istess *yacht "El Barracuda"*, li l-konvenut *nomine* jiġi kkundannat iħallas lill-istanti *nomine* s-somma hawn fuq imsemmija ta' Lm103.18c, skond il-kont aness maċ-ċitazzjoni bħala dokument 'A' bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' impediment tal-partenza tal-bastiment tal-5 ta' Mejju, 1978, kontra l-konvenut *nomine;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine,* li biha qal: (1) illi preliminarjament, il-kreditu ta' l-attur m'huwiex privileġġjat, għaliex ma ġiex magħmul direttament mis-sid (attwali jew anteċedenti), jew mill-kaptan jew mill-mandatorju tiegħu, u dan kif stipulat fl-artikolu 562(i) tal-Kap. 17 (illum artikolu 470 tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta, Edizzjoni Riveduta ta' l-1984); (2) fit-tieni lok, u bla preġudizzju, illi l-*yacht* diġà għamel vjaġġ f'isem il-konvenut *nomine* mingħajr ebda opposizzjoni min-naħa ta' l-attur *nomine,* u b'hekk il-privileġġ li talvolta -eta' kellu l-attur *nomine* ġie estint a tenur ta' l-artikolu 565 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (illum artikolu 473 ta' l-Edizzjoni ta' l-1984); u għalhekk il-konvenut *nomine* għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Il-konvenut *nomine* eċċepixxa li huwa għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju għal-żewġ raġunijiet: (a) li l-kreditu ta' l-attur *nomine* ma kienx privileġġjat, għaliex ma kinux sodisfatti r-rekwiżiti neċessarji msemmija fl-artikolu 562(1) tal-Kodiċi tal-Kummerċ (illum artikolu 470, kif hawn fuq ġà aċċennat); u (2) li kwalunkwe privileġġ li l-attur *nomine* seta' kellu fuq il-bastiment intilef jew spiċċa, għaliex il-bastiment ġà għamel diversi vjaġġi f'isem il-konvenut odjern (li allura kien akkwistah mingħand l-imsemmi Armando Russo) mingħajr ebda opposizzjoni da parti ta' l-istess attur, kif jirrikjedi l-artikolu 565 (illum artikolu 473) tal-Kodiċi tal-Kummerċ sabiex f'ċirkostanzi analogi l-privileġġ ma jintilifx;

Illi kif ġà ngħad, din il-Qorti, bis-sentenza preliminari

tagħha tal-21 ta' Jannar, 1983, ċaħdet l-ewwel raġuni avvanzata mill-konvenut *nomine*. Issa, b'noti ta' osservazzjonijiet elaborati l-konvenut *nomine* mmotiva fit-tul it-tieni raġuni tiegħu. Sostanzjalment hu jgħid li l-privileġġ speċjali nvokat mill-attur *nomine* fuq il-bastiment in kwistjoni jista' jitnissel minn żewġ disposizzjonijiet tal-liġi, u ċjoè:

(1) jew skond il-paragrafu (d) ta' l-artikolu 2113 tal-Kodiċi Ċivili, illum artikolu 2009;

(2) jew skond l-artikolu 562(i) tal-Kodiċi tal-Kummerċ, illum artikolu 470;

Huwa jkompli jargumenta li sija fl-ewwel każ u kemm fit-tieni ipotesi, kull privileġġ li seta' kellu l-attur spiċċa, għaliex:

(1) Fl-ewwel ipotesi, il-privileġġ prospettat, meta jkun fuq bastiment (bħalma huwa l-każ in eżami) ma jkunx effettiv kemm-il darba il-kreditu kkonċernat ma jiġix irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku fi żmien jumejn minn dak inhar li jkun sar il-bejgħ (art. 474 tal-Kodiċi tal-Kummerċ) "-- ċirkustanza dina li ma tirriżultax li saret mill-attur *nomine*"; u inoltre kull privileġġ, ġenerali jew speċjali, fuq bastiment u bċejjeċ oħra tal-baħar ma jibqgħux iseħħu fuqhom meta dawn jiġu ttrasferiti (art. 469 Kodiċi tal-Kummerċ);

(2) Fit-tieni ipotesi, għaliex minn mindu twieled il-kreditu pretiż mill-attur *nomine*, il-bastiment *"El Barracuda"* kien ġie mibjugħ minn Armando Russo, u l-akkwirent ossija l-proprjetarju odjern, imħarrek biex iħallas id-dejn pretiż bħala li jgawdi privileġġ fuq l-istess bastiment, għamel diġà diversi vjaġġi taħt l-isem u għar-riskju tiegħu (ta' l-akkwirent) mingħajr

ebda protest da parti tal-"kredituri tal-bejjiegħ" (jiġifieri tas-soċjetà attriċi bħala kreditriċi ta' Russo), u dana skond ma jipprovdi l-artikolu 473 kombinat ma' l-artikolu 470 tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

Illi in tema legali l-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut *nomine,* anzi tgħid li taqbel mal-prinċipji legali hemm enunċjati. Però bir-rispett kollu lejn il-konvenut *nomine,* il-Qorti ma tistax taqbel mal-konklużjonijiet tiegħu fid-dawl tal-provi proċesswali, għar-raġunijiet li ġejjin:

(1) Minn qari akkurat tas-sentenza preliminari m'hemmx dubbju li din il-Qorti, diversament presjeduta, diġà ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut; u fi kliem ieħor kienet tal-fehma li l-kreditu ta' l-attur *nomine* kien wieħed privileġjat skond l-artikolu 470(i) tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Dik is-sentenza llum għaddiet in ġudikat. Għalhekk, l-ewwel raġuni avvanzata mill-konvenut biex jgħid li l-privileġġ spiċċa ma treġix, anzi mhix rilevanti għaliex il-privileġġ ta' l-attur *nomine,* skond is-sentenza msemmija, ma kienx skond l-artikolu 2009 tal-Kodiċi Ċivili;

(2) Il-konvenut *nomine* jibbaża ruħu fuq dak li qal fil-paragrafu (8) ta' l-ewwel nota tiegħu (fol. 62 tal-proċess), u ċjoè: "Għandu jingħad ukoll illi fil-frattemp, bejn meta telaq minn Malta fl-1976 u meta reġa' lura fl-1978 il-*yacht* mhux biss għamel diversi vjaġġi, iżda wkoll ġie mibjugħ u ttrasferit minn sidu, Armando Russo, lill-attwali proprjetarju Salvatore Valvo". Iżda, fin-nota ta' osservazzjonijiet responsiva tiegħu, l-avukat ta' l-attur *nomine* ma qabilx ma' din l-asserzjoni tal-fatti; u l-konvenut *nomine* baqa' ma ġiebx provi biex jissostanzja dak li sallum baqa' biss allegazzjoni ta' fatti u mhux prova tagħhom. Għalhekk, fi kwalunkwe każ il-konvenut ma rnexxilux jipprova li l-privileġġ

li kellu l-attur *nomine* spiċċa. Huwa veru li, dana qed jingħad a skans ta' ekwivoċi, li l-attur ħarrek f'din il-kawża lil Salvatore Valvo u mhux aktar lil Armando Russo. Però dan eċċitah bħala 'kaptan' tal-*yacht* in kwistjoni, u *'occorrendo'* biss bħala proprjetarju; fi kliem ieħor fl-ebda ħin ma ġie li l-attur ammetta li Valvo llum kien proprjetarju tal-*yacht*. Ancorkè kieku kellu jiġi b'xi mod ritenut li l-attur kien jaf li Valvo huwa llum proprjetarju tal-*yacht*, xorta jibqa' l-fatt li l-konvenut *nomine* ma ppruvax li l-*yacht* għamel vjaġġ taħt l-isem u għar-riskju ta' l-istess Sebastiano Valvo fit-termini speċifikati mill-artikolu 473(2) tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

Illi għalhekk, anki t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut *nomine* m'hix sostenibbli. Issa, l-konvenut *nomine* mhux qed jikkontesta l-kreditu *ut sic;* u *del resto* l-Qorti fl-ewwel sentenza tagħha f'din il-kawża diġà inklinat lejn il-verżjoni li ta Michael Cassar Desain ta' kif ġraw il-fatt dwar il-bejgħ ta' l-oġġetti mis-soċjetà attriċi għall-manutenzjoni u servizz tal-*yacht* in kwistjoni fil-konfront ta' Armando Russo. Fi kliem ieħor il-Qorti fl-imsemmija sentenza diġà espremiet ruħha dwar l-eżistenza tal-kreditu pretiż mill-attur *nomine,* u dana bħala wieħed privileġġjat fuq il-*yacht* "*El* Barracuda";

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tiċħad ukoll it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut *nomine;* u *invece* tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti fiċ-ċitazzjoni. L-ispejjeż, kollha, inklużi dawk tas-sentenza preliminari tal-21 ta' Jannar, 1983, jitħallsu mill-konvenut *nomine*.